Minuti tal-laqgħa disa' u għoxrin (29), tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar il-Erbgħa, 18 ta' Marzu 2015 fil-5.00 ta' filgħaxija fis-Sala tal-Kommunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | | |
|---|---|---|
| | Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| | Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| | Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |

1. Talba

1.1 Il-laqgħa ġiet ippreseduta mis-Sindku u bdiet b'talba.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-minuti tal-laqgħa tmienja u għoxrin (28) ġew approvati kif preżentati iżda ser jiġu ffirmati mill-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss peress li l-Viċi Sindku jinstab indispost.

*Mill-Minuti*

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li:

2.2 L-apparat ta' l-*online streaming* għal laqgħat tal-Kunsill ġie mwaħħal mill-AID Ltd u saret il-konnessjoni għal *internet* mill-Melita Cable. Il-Kunsill qed jistenna mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jinfurmah x'ser ikun il-pass li jmiss u infurmat lil preżenti ukoll li inxtara *cupboard* biex jinġabar l-apparat ta' l-*online streaming* meta jkun hemm xi attivita'.

2.3 Rigward il-proġetti kapitali, il-Kunsill irċieva emejl minn għand is-Sur Mario Azzopardi, c-*chairman* tal-Bord ta' Evalwazzjoni ta' Proġetti Kapitali tal-Kunsilli Lokali, fejn informa lil Kunsill illi mhux ser



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

jingħata fondi għal proġetti proposti minnu. Is-Sindku qal li fil-laqgħa li saret mal-Bord fejn kienet preżenti ukoll is-Seg. Eżekuttiv, ic-*chairman* tal-bord wera li kien pożittiv dwar il-proġett tal-kisi ta' l-isqaq tal-Mitħna ta' Randu u kien staqsa wkoll kemm kien lest li joħroġ il-Kunsill għal dan il-proġett.

2.4 Rigward il-*website*, is-Seg. Eżekuttiv kellmet lil *website provider* tal-Kunsill tax-Xagħra, s-Sur William Sultana u ser jibda' jaħdem fuqha.

2.5 Għalkemm bagħtet diversi emejls lil Green Pak biex jgħaddu l-*proposal* tagħhom għal ġbir ta' skart separat dawn xorta għadhom ma weġbuhiex. Sindku informa lil Kunsilliera li tal-Green MT kien talab biex jiltaqa' mal-Kunsill izda meta s-Seg. Eżekuttiv infurmatu li kien ser ikun hemm laqgħa hu qalila li ma jistax jattendi. Il-membri qablu illi s-Seg. Eżekuttiv għandha taviċina lis-Sur Attard sabiex jinġabru l-fondi li għandu jieħu l-Kunsill. Is-Sur Micallef qal li dawk li l-Kunsill għandu dritt għalihom għandu jeħodhom peress li dawk huma fondi pubbliċi.

2.6 Intbgħat l-avviż fid-djar għal Ambaxxatur Lokali tal-Vot 16 u kien hemm żagħżugħ wieħed interessat li bagħat is-CV tiegħu. Is-Sur Joseph Mercieca hu l-persuna interessat. Il-membri qablu li dan għandu jkun l-Ambaxxatur Lokali tal-Vot 16.

2.7 Inġabru kwotazzjonijiet għal *braise* u sellum biex jinxtraw mill-Kunsill halli l-ħaddiema jkunu jistgħu jwettqu x-xogħol tal-Kunsill. Il-membri qablu li l-*braise* għandu jinxtara minngħand ToolMart għal prezz ta' €485 peress li hu tad-ditta *Metabo Cordless HD Drill,* b'żewġ batteriji *lithium* 18V *4 Amps, 2 gear* waqt li s-sellum għandu jinxtara minngħand John Aguis għal prezz ta' €106.

3. <u>Mozzjoni f'isem il-Membri</u>

Mozzjoni Nru 9 ippreżentata mis-Sur Horace Micallef u ssekondata mis-Sur Mario Mercieca. (Dokument A)

Is-Sindku qal li huma ma jistgħux jaqblu ma din il-mozzjoni. Is-Sur Mercieca staqsa x'jiġifieri 'aħna ma nistgħux naqblu'. Is-Sindku rrisponda li l-maġġoranza ma taqbilx ma din il-mozzjoni. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill ma jistax ikisser ix-xogħol ta' *gym u safety carpets* kif ukoll jinqalgħu parti mill-*playing field equipment* li saru madwar sena ilu u l-Kunsill għandu imwaħħlin il-pannelli votovoltajiċi u barra minn hekk ma jaħsibx li t-tapiti u l-*playing field equipment*



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

jekk jinqalgħu hemm fejn joqgħodu f'parti oħra tal-*playing field* għax ma jingħatax l-approvazzjoni tal-*Malta Standard Authority.*

Is-Sur Farrugia qal li jekk isir il-*five-a-side football pitch* jibża li l-pannelli votovoltajiċi eżistenti jintlaqtu minn xi ballun. Is-Sur Micallef saħaq li għandu soluzzjoni għal dan peress li ssir *fence* kif ukoll xibka fis-saqaf tal-*ground* sabiex l-ebda ballun ma jaqbeż il-barra mill-*ground* u kompla jgħid li bl-ebda mod ma jrid li ssir xi ħsara lil pannelli jew jinħoloq xi perikolu. Qal ukoll li biex inbniet is-sala diġa inqala l-*playing field* meta hu stess anqas kien membru tal-Kunsill, fakkar ukoll li Kunsill preċedenti biex bena l-garaxxijiet taċ-Ċentru Ċiviku kienet inqalgħet biċċa mill-*playing field* li kien sar xi għoxrin sena ilu u sar sew għax il-Kunsill b'hekk għandu proġett tajjeb.

Is-Sindku qal li hu impossibli li jsir dan il-*ground* fejn qed jipproponi s-Sur Micallef peress li biex dan isir irid ukoll jitkisser il-parti tal-ġnien li baqa'. Is-Sur Micallef qal li kull ma qed jipproponi hu li jinqala' il-madum u minflok isir *turf.* Kompla jgħid li mhux sew li mozzjoni bħal din ma tgħaddix għal skopijiet ta' partiġjaniżmu għax jemmen li għad li l-Kunsilliera qed jirrappreżentaw partit politiku xorta l-membri għandhom jaħdmu fl-aħjar interess għaċ-ċittadin. Qal ukoll li mill-lum il-quddiem ser jibda' miexi b'mod differenti la din kienet l-għażla tagħhom u li kulħadd għandu jerfa' r-responsabilita' għal għemilu.

Is-Sur Micallef informa lil preżenti li dakinhar fil-għodu sar jaf minn ġol-Partit Nazzjonalista stess minħabba *leakages,* li din il-mozzjoni ma kienitx ser tgħaddi għalhekk hu ħejja ittra fejn ġiet preżentata lil kull Kunsillier inkluż is-Seg. Eżekuttiv. (Dokument B). Hu informa lil preżenti li din l-ittra ser tintbgħat lir-residenti ġo kull dar kif ukoll fuq il-mezzi tax-xandir. Huwa qal li jidher għalfejn ma attendiex għal din il-laqgħa il-Viċi Sindku.

Is-Seg. Eżekuttiv qrat l-ittra fil-preżenza tal-Kunsilliera. Bi tweġiba għal din l-ittra s-Sindku qal li għandu jniżżel ukoll fl-ittra li qed jipproponi li jitkisser il-*playing field* sabiex minflok isir *ground.* Is-Sur Micallef qal li dawn mhux ser jitkissru iżda ser jinqalgħu u jitwaħħlu x'imkien ieħor fl-istess żona. Is-Sur Micallef propona li għalinqas il-Kunsill għandu jieħu l-parir tal-Perit tal-Kunsill jekk dan jistax isir. Qal ukoll li bħala Kunsillieri għandhom jibżgħu għas-saħħa tat-tfal tar-raħal li lilu jirrappreżentaw u reġa spjega li kull ma qed jitlob biex isir hu li jinqala' biċċa ġnien u ż-żewġ bandli u jitwaħħlu x'imkien ieħor. Is-Sindku nfurmaħ li dan mhux possibli peress li kien il-Perit stess li għamel il-qisien ta' kemm għandhom il-bandli u l-*gym equipment* jkunu imbegħdin minn xulxin biex jitnaqqas xi periklu li xi tfal iweġġgħu. Is-Sur Micallef qal li ppropona din il-mozzjoni sabiex tkun *area* ta' rikreazzjoni għat-tfal u ż-żagħżagħ u anke l-*Sports Fest* li tiġi organizzata flimkien mal-paroċċa tkun tista' tibda' ssir hemm ukoll kif ukoll b'din l-inizjattiva t-tfal inżommuhom fil-lokalita'.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Is-Sur Mercieca qal li jekk jinqala' kollox bil-galbu xejn ma jitkisser u kompla jgħid li l-Kunsill mhux professjonist li jara jekk il-*playing field equipment* joqgħodx jew le fil-*playing field.* Is-Sindku qal li kieku is-Sur Micallef ippropona li dan il-*ground* isir wara l-Knisja kien ikun jaqbel, peress li hija wkoll proprjeta' tal-gvern. Is-Sur Mercieca wieġbu li wara l-Knisja hu impossibli peress li r-residenti ma jkunux jistgħu jidħlu fil-garaxxijiet tagħhom minħabba l-*ground.* Is-Sur Mercieca sostna li jekk isir hekk ir-residenti jkunu qed jitpoġġew f'sitwazzjoni ambigwa.

Is-Sindku qal li la l-MEPA tat il-permess għad-dħul għal-garaxxijiet dan għandu jibqa' iżda dik l-*area* l-barra minnha u Trejqet iċ-Ċentru Parokkjali huma *pedestrian area.* Is-Sur Micallef kompla mas-Sur Mercieca fejn qal li dan il-*ground* ikollu kejl ta' madwar sebgħin (70) pied bi tlettin (30) pied. Is-Sindku reġa qal li l-maggoranza ma taqbilx ma din il-mozzjoni. Is-Sur Micallef wieġeb li din ma għandiex tkun xi ħaġa politika iżda xi ħaġa għal ġid tar-raħal u għat-tfal u ż-żagħżagħ Fontanin u reġa' widdeb li għandha tintrefa r-responsabilita' jekk jittajjar xi ħadd. Is-Sur Micallef wera ruħu ddisgustat li meta ressaq proposta bħal din qed isib ħafna intoppi minħabba l-indħil tal-partit Nazzjonalista.

Il-membri għaddew għal vot. Is-Sindku u s-Sur Farrugia ma qablux ma din il-mozzjoni. Is-Sur Micallef u s-Sur Mercieca jaqblu mal-mozzjoni. Billi l-voti ġew tnejn kontra tnejn, is-Sindku uża l-*casting vot* tiegħu peress li l-Viċi Sindku kien skuzat u għalhekk din il-mozzjoni ma għaddietx.

4. *Budget 2015*

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-*budget* propost sar skond kif ġew approvati diversi xogħlijiet mill-Kunsill tant li xi wħud minnhom kienu diġa approvati fil-*budget* tas-sena li għaddiet, tant li ħarġet u ingħatat l-offerta biex jinbena l-aħħar 35 metru tal-ħajt ta' Triq John Gaspard le Marchant. Qal ukoll li issa tqajjem il-punt li l-kisi ta' Triq il-Għajn u l-bqija ta' Triq John Gaspard le Marchant huma toroq tal-gvern ċentrali. Is-Sur Micallef qal li l-ewwel ghandha ssir talba lil gvern ħalli jekk jista' jagħmilhom hu iżda jekk it-talba tal-Kunsill ma tintlaqax jidħol għalihom il-Kunsill. Is-Sindku sostna li f'laqgħat preċedenti l-Kunsill kien qabel li jagħmel dawn it-toroq tant li l-Perit Gordon Vella attenda f'laqgħa tal-Kunsill fejn ġie diskuss ix-xogħol ta' Triq John Gaspard le Marchant. Qal ukoll li l-Kunsill għandu fondi għad-dispożizzjoni tiegħu u sa l-aħħar tal-leġislatura l-Kunsill ikun ingħata fondi madwar €800,000. Is-Sindku kompla jgħid li jħoss li xogħol li jista' jagħmel il-Kunsill għandu jagħmlu u dan għar-raġuni li hemm residenti li qed ibgħatu bl-istat ħażin ħafna tal-parti ta' fuq ta' Triq il-Għajn. Huwa qal li r-restawr ta' l-Għejjun u l-*porfido* ta' Pjazza l-Għejjun u it-toroq John Gaspard le Marchant, Alessandro Franchi bil-*belvedere* b'kollox u tarmac f'parti minn Triq



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

ta' Mulejja saru mill-Kunsilli preċedenti allavolja ma kienux kompetenzi tal-Kunsill. Saru wkoll il-fanali ta' Triq il-Għajn u Triq l-Isptar San Giljan minkejja li dawn lanqas kienu jaqgħew taħt il-kompetenza tal-Kunsill. Qal ukoll li ma jistax jifhem kif issa qed jintqal li l-proġetti kapitali li huma mniżżla fil-*budget* huma kompitu tal-gvern u għalhekk m'għandhomx isir. Qal li fil-*budget* preċedenti kienu ġew ivvutati b'mod unanimu l-flus għal Triq il-Għajn. Is-Sur Micallef qal li hu talab spjegazzjoni mill-Kunsill ta' kif inħadmet l-istima ta' €50,000. Is-Sindku wieġeb li hu qasam l-ammont ta' €100,000 skond l-offerta li kienet intefgħet xi snin ilu u li illum m'għadiex valida għal dik il-parti ta' Triq il-Għajn. Is-Sindku qal li l-ewwel parti ta' Triq il-Għajn minn Pjazza Santu Wistin sa Triq il-Qalb ta' Ġesu' importanti ħafna li ssir u għal dik il-parti ġiet ivvutata s-somma ta' €50,000 u dan anki sabiex ma jingħalqux iż-żewġ partijiet ta' Triq il-Għajn minn Triq Kapillan Gużeppi Hili il-fuq ma xulxin. Is-Sur Micallef u s-Sur Mercieca qalu li kien hemm qbil li ssir kollha kemm hi u ghalhekk m'ghandux ikun hemm paragun peress li kien hemm qbil li ssir minn Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili l-fuq lejn Pjazza Santu Wistin. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jistax jidħol għal ispiża kollha kemm hi f'sena waħda minħabba l-fondi u anki minħabba l-immaniġjar tat-traffiku għalhekk ippropona l-ewwel parti. Is-Sur Micallef sostna li ma jaqbilx li ssir biċċa biss, jiġifieri minn Triq Qalb ta' Gesu il-fuq. Is-Sindku qal li l-ewwel għandha ssir l-aktar parti diżastruża. Is-Sur Micallef ippropona li għanha issir minn Triq il-Kappillan Hili sa Pjazza Santu Wistin f'darba u jkun hemm ftehim u neguzjar mal-Kuntrattur li jiġi imħallas fi żmien sentejn. Qal ukoll li hu mhux kontra li jsir xi proġett ta' dan it-tip iżda li ssir kollha kemm hi kif kien il-ftehim. Is-Sur Mercieca qal li anke' l-isfel minn Triq il-Kappillan Hili għandha ssir. Is-Sindku nfurmah li dik il-parti ta' Triq il-Għajn tinsab f'qada aħjar minn tal-parti ta' fuq. Is-Sur Farrugia qabel mas-Sindku li l-parti ta' fuq tinsab l-aktar fi stat diżastruż. Is-Sur Mercieca qal li l-Kunsill ma jistgħax jidħol għal progett bħal dan la mhux kompitu tiegħu. Is-Sindku qal jekk il-Kunsill jimxi b'dan l-argument jista' lanqas inaddaf parti mill-Wied tax-Xlendi li diġa kien approvat mill-Kunsill fil-*budget* tas-sena l-oħra. Is-Sur Mercieca qal li l-wied ma kienx ser jiġi imnaddaf bil-fondi tal-Kunsill iżda b'Eco Gozo. Is-Sur Micallef qal li l-Kuntrattur li jieħu l-kisi tat-triq nipruvaw nineguzjaw miegħu biex jitħallas fi żmien sentejn jew tlieta bħal ma ġara fl-iskema tal-PPP li kienet ħarġet mill-Gvern preċedenti fejn il-kuntratturi tħallsu fuq numru ta' snin u b'hekk l-Kunsill ikollu flus bizzejjed biex jiksi din it-triq. Is-Sindku qal li jekk jiġri hekk il-Kunsill jidħol għal ħlas ta' l-imgħax iżda jekk il-Kunsill ikollu flus biżżejjed jaqbad u jħallas. Is-Sur Micallef qal li ma jistgħax jinbeda x-xogħol qabel is-Sajf. Is-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv qalu li l-Kunsill jiprova joħroġ l-offerta iżda tiġi addottata maċ-ċirkustanzi peress li hemm ir-Rabat magħluq. Is-Sindku propona li għandna niċċekjaw ma Transport Malta jekk Pjazza Savina hux ser tkun magħluqa għat-traffiku għax tinħoloq problema kbira fi Triq il-Kappillan Hili. Qal ukoll li għandha ssir konsultazzjoni mal-Kunsill tal-Fontana fuq dan il-għan. Is-Sur Micallef issuġġerixxa li għandha issir laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex bħala Kunsill fejn ninfurmawh bil-ħsieb



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

tal-Kunsill li jiksi parti minn Triq il-Għajn u jintalabu parti mill-ispejjeż. Dwar is-servizzi ta' l-ilma s-Sindku qal li qabel is-servizzi kienu jsiru mill-Water Services Corp u għalhekk nitolbuhom biex dawn isiru. Is-Sindku propona l-ewwel issir l-ewwel kisja u t-tieni sena tingħata l-aħħar kisja sabiex il-Kunsill jilħaq ikollu fondi biżżejjed għaliha. Is-Sur Micallef qal li naraw li jekk ikun hemm xi garaxxijiet issirilhom rampa proviżorja sabiex ma nħallux residenti jgergru. Is-Sur Mercieca qal li jekk isir hekk irridu naraw li ma jkunx hemm xi proġett ieħor għaddej u xorta ma nkunux nistgħu nagħtu t-tieni kisja. Il-membri qablu li l-ewwel toħroġ l-istima necessarja minn għand il-Perit Anglu Portelli u wara ssir il-laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku ippropona li tinħareġ l-offerta għal *patching* sew ta' Triq Kappillan Hili u *traffic calming measures* fl-istess triq. Qal ukoll li din it-triq kien sar il-kisi tagħha fil-1998 u l-livelli tal-bankini ma jistghux jinbidlu peress l-ghetiebi tal-bibien jiġu għoljin ħafna. Is-Sur Mercieca qal li fejn huma għaddejjin il-katusi tad-drenaġġ it-triq niżlet. Is-Sur Farrugia qal li f'pajjiżna jsir żball għax l-ewwel suppost jiproġettaw u ssir it-triq imbagħad tiġi mibnija u dan minħabba il-livelli. Is-Sur Mercieca qal li jekk titgħolla t-triq ikunu jistgħu jitbaxxew il-bankini u għalhekk meta ssir it-triq mill-Kunsill għandna nieħdu ħsieb li nagħmlu dan. Is-Sur Micallef qal li sal-festa għandu jilħaq isir il-kontrabejt li jittieħdu mill-flus ivvutati mill-bini taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku qal il-membraine għandu jsir f'April sabiex jinxef sew u dan peress li diġa ingħatat l- offerta. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jiċċekja rigward l-*insulation* tal-pulzier u naraw hemmx bzonn *tender* jew *quotation.* Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jerġa jitlob l-*ispecifications* mill-Perit Gordon Vella u jittieħed il-parir tal-Perit b'liema materjal l-aħjar li jiġi wżat għal kisi tal-bejt tat-tieni fażi taċ-ċentru ċiviku sabiex il-Kunsill ikun jista' jitlob emenda mal-MEPA. Is-Sur Mercieca qal li l-Kunsill għandu jitkellem mal-Kappillan ħalli jara xi ħsiebu jagħmel għal kisi taz-zuntier ħalli jiġi jaqbel ma tal-Kunsill. Is-Sindku ippropona li peress li t-tkomplija taċ-Ċentru Ċiviku ma jidhirx li ser jitkompla din is-sena minħabba li għad hemm il-kawża għaddejja, ippropona li l-flus jiġu ivvutati għal kisi ta' parti minn Triq il-Għajn bejn Triq Kappillan Hili u Pjazza Santu Wistin. Għalhekk il-membri qablu li tiġi vvutata s-somma ta' €50,000 għat-tindif u r-reabilitazzjoni ta' parti mill-Wied tax-Xlendi, €20,000 għal kisi tal-parti tat-triq li baqa' fi Triq John Gaspard le Marchant flimkien mal-bini tal-ħajt, €100,000 għal kisi bit-tarmac tal-parti ta' fuq ta' Triq il-Għajn, €4,000 għar-restawr tan-niċċa tal-Kunċizzjoni u €10,000 għal kontrabejt tas-saqaf taċ-Ċentru Ċiviku.

5. <u>Għoti ta' l-offerta għal *accountant* mal-Kunsill</u>

5.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li bagħtet *default notice* lil Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex, lir-Reġjuni u kif ukoll lil Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Hadd minn dawn ma ħareġ *default notice* lil xi ħadd mit-tlett *accountants* li ssottomettew il-kwotazzjoni



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

tagħhom. Għalhekk il-membri qablu li s-Daniel Galea għandu jkun l-*accountant* tal-Kunsill peress li kienet l-irħas kwotazzjoni.

6. Korrispondenza

6.1 Risposta minngħand Transport Malta għal talba ta' *un/loading bay* mill-Kunsill f'isem Visage, fi Triq l-Isptar San Giljan fejn il-Kunsill ġie nfurmat li din it-talba ma tistax tiġi milqugħa peress li tali kaxxa riservata ma tistax tiġi riservata għal ħanut wieħed biss iżda talinqas għal sitt ħwienet. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tinforma lil Visage Ltd.

6.2 Ittra mill-Ombudsman għan-nom tas-Sinjura Amanda Abela, Ex Aġent Seg. Eżekuttiv fejn talbu lil Kunsill jagħti l-kummenti tiegħu rigward l-ħlas dovut lis-Sinjura Abela. Il-membri qablu li għandha titbgħat risposta mill-Avukat tal-Kunsill lil Ombudsman fejn għandha tingħata r-raġuni għaliex il-Kunsill ma jaqbilx mal-ħlas li intalab mis-Sinjura Abela.

6.3 Ittra mill-Aġenzija Żgħażagħ fejn talbu sabiex zgħażagħ mill-Lokalita' bejn l-14 u 18-il sena jiffurmaw Kunsill Lokali taż-żagħżagħ fil-lokalita' u jipproponu proġett u jekk jintgħażel jingħataw fondi sa massimu ta' €3000. Is-Sur Micallef jemmen ħafna fiż-żagħżagħ iżda iħoss li l-Kunsill għadu kif ivvuta għal proġett mhux favur iż-żagħżagħ. Il-membri qablu li dan il-Kunsill Lokali taż-żagħżagħ għandu jiġi avdat f'idejn l-Ambaxxatur Lokali tal-Vot 16.

6.4 Emejl minngħand Jonathan Mizzi is-Segretarju għal Bord ta' Governanza Lokali fejn informa lil Kunsill dwar ilmenti fuq ħsarat ta' vetturi f'toroq responsabbli għalihom il-Kunsilli Lokali.

6.5 Talba minn għand Maria Bartolo Galea – *inclusive employment scheme* mill-ETC fejn talbet lil Kunsill jipprovdilhom fejn jagħmlu laqgħa ta' informazzjoni għal persuni b'diżabilita' fil-lokalita'. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu joffri s-sala ghal dan il-għan iżda l-lista' tal-persuni b'diżabilita' ma tistax tiġi mogħtija mill-Kunsill.

6.6 Memo 5/2015 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet *Lifelong Learning* 2015-16 biex isiru fis-Sala tal-Kommunita'. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika għal ganutell, bizzilla, *beading technique* kif ukoll *monastery works.*

6.7 Emejl minngħand l-Aġenzija Micallef Joe Travel fejn qed joffru pakketti tal-Sqallija għal gruppi organizzati mill-Kunsilli Lokali. Il-membri


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Borg

qablu li meta l-Kunsill ikun ser jorganizza l-ħarġa għal Sqallija għandhom jieħdu din l-emejl in konsiderazzjoni u għalhekk għandu jintalab aktar tagħrif.

6.8 Rigward is-sentenza ta' l-Appel tal-Ġebla tal-Qawwi, il-Gozo Concrete Products talab lil Kunsill sabiex jingħatalu d-depożitu ta' €200 lura peress li rebaħ l-appell. Is-Seg. Eżekuttiv talbet il-parir ta' l-Assistent Direttur s-Sur Silvio Frendo sabiex jigwidha f'dan ir-rigward. Is-Sur Frendo informa lil Kunsill illi 'ġaladarba il-Kuntrattur rebaħ l-appell, għandu dritt li jieħu d-depożitu lura' u dan skond Regolament 12 tar-Regolamenti dwar l-Offerti.

7. <u>Approvazzjoni ta' Kontijiet</u>

7.1 Is-Sindku ta spjegazzjoni tax-xogħol li twettaq mill-Kuntrattur Tarcisio Xerri liema pagament kien ġie miżmum fil-laqgħa li għaddiet. Qal li dan kien tqabbad biex jagħmel il-*maintenance* tal-*porfido* fejn Trejqet ir-Razzett peress li kien niżel għax kien sar *trenching* għal pompa tad-drenaġġ tal-wied tal-lunzjata fir-raba' leġislatura tal-Kunsill u għalhekk il-*porfido* kellu jinqala' u jitpoġġa mill-ġdid. Kien ghamel ukoll xogħol ta' tiswija fuq l-ewwel bollard ta' ħdejn ir-railing peress li kienet inkissret waqt il-bini mill-ġdid ta' Triq ix-Xlendi u waħħal bank minflok dak li kien inkisser minn Fr Marcell Portelli. Informa wkoll lil preżenti li dawn ix-xogħlijiet kollha twettqu fuq qbil tal-Kunsill.

Għalhekk Skeda Nru 24 tal-ħlasijiet ġiet approvata u ffirmata mill-membri preżenti.

8. <u>Materji Oħra</u>

8.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi irċeviet ilment minngħand is-Sur Mario Spiteri fejn qal li meta l-Kunsill bagħtu jwaħħal xi tabelli, hu għadda minn taħt il-mina ta' Triq Dun Ġużepp Grima fejn laqat il-bieba ta' wara tal-vettura li kien qed isuq. Għal dan il-għan preżenta stima fejn talab lil Kunsill sabiex iħallas €141.60 għal ħsarat. Il-membri tal-Kunsill qalblu li għandu jkellem lid-Dipartiment tiegħu f'dan ir-rigward.

8.2 Is-Sur Gwido Zammit mill-ETC informa lis-Seg. Eżekuttiv li nhar it-Tnejn ser jintbgħat ħaddiem ieħor mal-Kunsill taħt l-iskema tas-CWS.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

*Mis-Sindku*

8.3 Is-Sindku nforma lil preżenti li attenda għal laqgħa oħra tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex li saret fil-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria.

8.4 Is-Sur Micallef u s-Seg. Eżekuttiv attendew konferenza *'Energy Efficiency Capacity Building Workshop'* li sar fil-Grand Hotel – Għajnsielem.

8.5 Dwar il-kawża ta' Anthony Cassar kontra l-Kummissarju ta' l-Artijiet saret seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Aaron Attard Hili fejn d-dipartiment ta' l-artijiet ressaq l-ittra ta' l-ordni ta' żgumbrament tal-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn. Is-Sindku attenda għal din is-seduta li ġiet aġġornata għat-18 ta' Marzu 2015. L-Avukat tas-Sur Cassar nfurmat lil qorti li trid tagħmel xi kontro eżamijiet. Nhar it-18 ta' Frar 2015 kompliet tinstema l-kawża fil-Qorti quddiem il-Maġistrat Paul Coppini, Anthony Cassar kontra l-Kummissarju ta' l-Artijiet dwar l-imsemmi fond meħtieġ mill-Kunsill biex jitkompla ċ-Ċentru Ċiviku. Din ukoll ġiet aġġornata għal 15 ta' Mejju 2015, dan wara li d-dipartiment ta' l-Artijiet u l-Kunsill Lokali m'għandhomx aktar xi jressqu fil-kawża. Illum kellha ssir is-seduta quddiem l-Assistent Gudizjarju Dr Aaron Attard Hili iżda ma saritx għar-raġuni li l-Avukat tas-Sur Cassar mhux ser tagħmel kontro eżamijiet għalhekk ma baqgħax aktar xhieda x'tinstema quddiem Dr Aaron Attard Hili.

8.6 Is-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Bord ta' l-Għażla dwar l-iskema tal-miljun Ewro bħala għajnuna lil Kunsilli Lokali għal proġetti kapitali dwar l-applikazzjoni li għamel il-Kunsill fejn is-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv taw aktar tagħrif lil Bord dwar iż-żewġ proposti li għamel. Din saret fis-Sala tal-Ministeru għal Għawdex.

8.7 Is-Sindku kellu laqgħa mal-Perit Angelo Portelli dwar *Traffic Calming measures u zebra crossing* ġdida fi Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili, kif ukoll dwar il-ħruġ ta' l-offerta ta' parti minn Triq il-Għajn bejn Pjazza Santu Wistin u Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili.

8.8 Bdiet taħdem mal-Kunsill is-Sinjorina Doreen Sacco li tagħmel parti mill-iskema tas-CWS.

8.9 Sar it-twaħħil ta' bin ġdid provdut mill-kumpanija Green Mt fil-*playing field.*



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

8.10 Tlestiet il-manutenzjoni tar-*railing* u l-*bollards* l'isfel mill-Knisja Parrokkjali u bdiet il-manutenzjoni tal-*playing field.* Dan qed isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

8.11 Il-plakki taċ-ċeramika bl-ismijiet li ser jeħlu ma' l-għejjun, max-xelter u mar-replika ta' l-Għajn tal-Loġġoġ lesti u issa kemm jitwaħħlu f'posthom mill-ħaddiema tal-Kunsill.

8.12 Is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jikteb lil *Transport Malta* biex jara li Triq Mons Luiġi Vella fir-Rabat ma tiġix magħluqa għat-traffiku peress li jekk tingħalaq ser jaqa' ħafna traffiku fit-toroq tal-Fontana. Il-membri qablu.

8.13 Is-Sindku propona sabiex waqt li jkun qed isir il-bini mill-ġdid ta' Triq l-Isptar San Giljan fil-kantuniera ma Triq Santa Dminka it-triq togħla ftit quddiem id-Dolphin Pools sabiex l-ilma jibqa' sejjer l-isfel kif kien isir qabel ma saret dik il-parti minn Triq Santa Dminka s-sena l-oħra. Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni tad-Direttur Proġetti u Żvilupp.

8.14 Is-Sindku staqsa lis-Seg. Eżekuttiv jekk is-Sur Noel Grima kienx bagħat xi risposta meta s-Seg. Eżekuttiv infurmatu li l-kont li kien bgħat għax-xogħol li kien sar fit-tielet fażi taċ-Ċentru Ċiviku meta nbnew il-garaxxijiet kien tħallas. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lis-Sindku li ma rċieviet ebda tweġiba peress li hi kienet batitlu dokumenti ta' meta kien sar il-ħlas.

8.15 Is-Sindku propona li fi Triq is-Sajjieda kantuniera ma Triq l-Isptar San Ġiljan għandha titwaħħal tabella *Go Slow* peress li qed ikun hemm sewqan aċċessiv fil-bidu ta' Triq is-Sajjieda. Il-membri qablu li għandu jintalab il-permess ta' Transport Malta.

8.16 Is-Sindku propona sabiex fi Triq l-Isptar San Ġiljan quddiem id-dar ta' Wenzu Portelli jitwaħħlu il-*bollards* peress li qed ikollu inkonvinjent bl-ilma tax-xita. Il-membri qablu li għandu jintalab il-permess ta' Transport Malta fuq dan ir-rigward.

8.17 Talba mill-Għaqda tan-nar tal-Fontana fejn talbu lil Kunsill sabiex bħas-sena l-oħra jitellgħa Festival tan-Nar ta' l-Art b'kollaborazzjoni mal-Kunsill lejliet il-festa. Il-Kunsill ser joħroġ is-somma ta' € 1,150 li jinkludu ukoll il-*posters* neċessarji. Il-membri qablu f'dan ir-rigward.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Bon

8.18 Is-Sindku qal li l-plakki bl-ismijiet tal-Kunsilliera ta' l-għejjun li l-Kunsill kien approva li jsiru, l-istima għal plakki tar-ram kienet ta' €150 il-waħda. Sindku propona li minflok isiru tal-*perspex* transparenti peress li huma għoljin ħafna iżda is-Sur Micallef propona li dawn għandhom ikunu simili ta' l-oħrajn li diġa hemm jiġifieri ta' l-irħam. Il-membri qablu li s-Seg. Eżekuttiv għandha iġġib stima ta' kemm jiġu jiswew tal-*perspex*.

8.19 Is-Sindku propona u l-membri qablu li għandhom jitħawwlu xitel ta' *stella maris* fis-*soft area* ta' fejn il-*bring in sites* bħal ma jsir ta' kull sena fi Triq ta' Mulejja.

*Mis-Sur Horace Micallef*

8.20 Talab sabiex titwaħħal tabella *Xlendi* fejn id-Dolphin Pools peress li l-karozzi qed jippruvaw jinżlu minn Triq San Martin.

8.21 Is-Sur Micallef informa lil preżenti li sar il-*patching* mit-tajjeb neċessarju fi Triq l-Isptar San Ġiljan u Triq il-Għajn mill-ħaddiema fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

8.22 Is-Sur Micallef informa lil Kunsilliera li kellu intervista fuq ir-radio Sacro Cuor.

8.23 Informa ukoll li preżenti li l-Ministeru għal Għawdex ħareġ l-offerti għal kisi mill-ġdid ta' Triq l-Isptar San Ġiljan liema offerti kellhom jagħlqu nhar is-17 ta' Marzu iżda minħabba li l-uffiċċini jinsabu magħluqa kellhom itawlu ġimgħa. Is-Sindku wieġbu li l-Ministeru setgħa informa lil Kunsill li nħarġu l-offerti biex isir xogħol f'din it-triq.

*Mis-Sur Mario Mercieca*

8.24 Is-Sur Mercieca talab sabiex issir tabella li turi fejn jinsabu l-uffiċċini tal-Kunsill, fejn issuġerixxa li teħel waħda ma fond 189 faċċata ta' Triq l-Isptar San Ġiljan u l-oħra fil-kantuniera ta' Triq ta' Mulejja.

8.25 Issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jsib soluzzjoni tal-problema tal-ħamiem li jinsab fil-lokalita'. Qal li l-post ta' Fr Charles Cini li jinsab faċċata tal-Knisja mimli ħamiem u għalhekk hemm bżonn li jingħalaq u ma jħalliex żbandun sabiex ma jbidx iktar fil-post. Il-membri qablu li għandha tinkiteb ittra lil Fr Cini fejn tinġibidlu l-attenzjoni f'dan ir-rigward.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

8.26 Is-Sur Mercieca staqsa lil membri tal-Kunsill liema huma l-isqaqien li jaqgħu taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tivverfika mal-liġi tal-Kunsill.

9. Aġġornament tal-Laqgħa

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 22 t'April 2015 fil-5.30 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-7.45 ta' fil-għaxija.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555